MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 109/2001/1

Silvana mart Vincent Debrincat
minnu "de jure" separata f'isimha u
għan-nom u bħala leġittima rappreżentanti
ta' binthom minuri, Kimberly Debrincat .

vs

Vincent Debrincat

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet :

Illi b'kuntratt tas-separazzjoni personali "a mensa et thoro" tal-għaxra (10) ta' Marzu 1998 (atti Nutar Michael Dingli), hawn esebit bħala Dokument "A", il-konvenut obbliga ruħu, "interalia", li - ***jgħaddi lil martu għaxar liri maltin fix-xahar bħala manteniment għaliha u għoxrin lira maltija fix-xahar bħala manteniment għal bihthom***

***komuni u ċioe' l-minuri Kimberly Debrincat liema ammonti jiġu riveduti kull sena u dan skond ir-rata ta' inflazzjoni" ;***

Illi mid-data tal-istess kuntratt, l-istess ammont ta' manteniment li jitħallas fix-xahar f'Għawdex kemm lill-attriċi kif ukoll lil bintha minuri, Kimberly Debrincat qatt ma ġie rivedut u fil-fatt iċ-ċirkostanzi finanzjarji u familjari tal-partijiet inbidlu b'mod li r-retta alimentari stabbilita dak inhar tal-kuntratt hija wahda li mhux biss tagħmel għajb għaż-żmenijiet tal-lum, imma wkoll tenut kont il-pożizzjoni finanzjarja tajba tal-istess konvenut u minn naħa l-oħra l-pożizzjoni finanzjarja ħażina tal-istess attriċi, hemm lok, għalhekk, li l-istess retta alimentari pagabbli lill-istess attriċi u lil binthom minuri, Kimberly tiġi awmentata, aktar u aktar meta binthom, Kimberly tbati minn allerġija akuta u l-ħin kollu jkollha bżonn tal-għajnuna medika u spejjeż f'mediċinali .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u għal oħrajn li jinġiebu waqt it-trattazzjoni tal-istess kawża, tawmenta r-retta alimentari dovuta lill-istess attriċi u lil binthom minuri, Kimberly Debrincat .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa imħarrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi proprio et nomine ikkonfermata bil-ġurament tagħha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija nulla u rrita ai termini tal-artikolu 767 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-konvenut għandu l-unika residenza tiegħu Malta fejn fil-fatt ġie notifikat biċ-ċitazzjoni odjerna .

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċeppit, t-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż

kontra l-istess attriċi stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża .

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat is-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Ottubru 2003 fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar il-'*privilegium fori'* .

Rat il-verbal tagħha tas-26 ta' Mejju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal lum għas-sentenza fuq il-mertu .

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-legali ta' l-attriċi .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u l-affidavits u dokumenti oħra esebiti .

Ikkunsidrat :

Fil-każ preżenti nsibu illi l-attriċi proprio et nomine qed titlob lill-qorti tirrevedi r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut għaliha u għal bintha minuri, a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali magħmul bejn il-partijiet[1] . Dwar il-manteniment il-partijiet kienu ftehmu f'dan il-kuntratt illi :

"***Il-komparenti r-raġel jobbliga ruħu li jgħaddi lil martu, għaxar liri maltin fix-xahar bħala manteniment għaliha u għoxrin lira maltija fix-xahar bħala manteniment għal binthom komuni u ċioe' l-minuri Kimberly Debrincat liema ammonti jiġu riveduti kull sena u dan skond ir-rata ta' inflazzjoni***." [2]

[1] ara kuntratt in atti Nutar Michel Dingli ta' l-10.3.1998 a fol. 7 .
[2] ibid.

Irid għalhekk jiġi qabel xejn stabilit, fid-dawl tal-ġurisprudenza in materia safejn talba bħal ma għamlet l-attriċi fil-kawża preżenti tista' tirnexxi . Huwa magħruf illi bħala prinċipju ġenerali ***pacta sunt servanda*** u għalhekk : "*il-promotur ta' l-alimenti stabiliti bis-saħħa ta' transazzjoni, hija liġi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax titħassar ħlief bil-kunsens tagħhom jew għar-raġunijiet validi skond il-liġi għal kawżi stabiliti għal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, għalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax titħassar jew tinbidel, ħlief bil-volonta' tal-kontraenti.*" [3]

Maż-żmien pero' dan il-prinċipju riġidu ma baqgħax daqstant inflessibbli, u l-Qrati tagħna bdew jirrikonoxxu sitwazzjonijiet fejn f'każijiet eċċezzjonali setgħu jibdlu dak li kienu kkuntrattaw il-partijiet . Hekk ingħad illi : "*Il-Qrati tagħna minkejja li fil-bidu jirriżultaw li addottaw pożizzjoni riġida, anzi waħda inflessibbli, meta ġew rinfaċċjati b'talbiet għal reviżjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu ġew miftehma bejn il-konjuġi stess, mal-milja taż-żmien ħassew in-neċessita' li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull liġi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkonċedu illi* ***taħt ċerti ċirkostanzi li ġew ikkwalifikati bħala ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur*** *li ġabuh fl-impossibilita' li jħallas ir-retta alimentari, allura f'każi simili jista' jkun hemm lok għal varjazzjoni . Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-każi propizji hija waħda ferm ġusta mill-pożizzjoni addottata qabel . Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti 'ope legis' minn ieħor miftiehem volontarjament mill-konjuġi stess . Fit-tieni każ, wieħed għandu jippreżumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-aħjar interess tagħhom it-tnejn."* [4]

Dan il-kunċett imbagħad kompla jiġi żviluppat fis-sens illi : "… *f'materja ta' liġi tal-familja u dan anke fil-kuntest ta' dak*

[3] Prim'Awla" Galea vs Galea : 26.2.1956 .
[4] Appell : Alfred Grech vs Pauline Grech pro et noe. : 16.4.2004

*li hemm provdut fil-Kodiċi Ċivili, l-interess tal-minuri jibqa' suprem u għalhekk nonostante kull ftehim li jista' jkun hemm bejn il-partijiet dwar il-minuri, jista' jiġi annullat mill-Qorti jekk* ***'hekk ikun meħtieġ għal-ġid tal-minuri'*** *u dan skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 61 tal-kap. 16*." [5]

Dan kollu jfisser illi fir-rigward ta' dak li l-partijiet ikunu ftehmu liberament dwar l-interessi reċiproċi tagħhom fuq il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, l-Qorti ma tistax tindaħal, ħlief f'każijiet eċċezzjonali u biss fl-interess tal-buon ordni . Imma fejn jidħol il-minuri, l-Qorti mhix marbuta b'dak li jkunu kkuntrattaw l-istess partijiet, u tista' għalhekk tvarja dak li jkunu ftehmu, jekk hekk ikun jidher opportun, fl-aħjar interess tiegħu .

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, nsibu illi l-attriċi qed tilmenta illi hija kienet ġiet imġiegħla mir-raġel tagħha sabiex tersaq għal dan il-kuntratt ta' separazzjoni, sempliċement biex ir-raġel tagħha jkun jista' jgawdi mill-benfiċċji soċjali li kienu jingħatawlha in segwitu għal dan il-kuntratt . Infatti wara li sar il-kuntratt huma baqgħu xorta waħda jgħixu flimkien għal xi żmien, u r-raġel kien joħdilha dawn il-benefiċċji soċjali u jagħtiha biss dak li kien ġie stipulat fil-kuntratt . Meta imbagħad skopriet illi r-raġel tagħha kellu relazzjoni ma' terza persuna, hija telqet mid-dar matrimonaji u reġghet marret tgħix mal-ġenituri tagħha . Ġara wkoll illi t-tifla minuri Kimberly, li llum għandha disa' snin, bdiet tbati mill-asthma u marda oħra li kienet tikkaġunalha ħafna qtugħ tan-nies, bil-konsegwenza illi l-attriċi bdiet tonfqilha ħafna spejjeż f'tobba u mediċinali.[6]

Fil-fehma tal-Qorti u tenut kont ta' din il-ġurisprudenza, hija ma tista' tagħmel xejn f'din il-kawża għal dak li jirrigwarda l-alimenti personali ta' l-attriċi . Dan għaliex, minkejja l-allegazzjoni illi hija ġiet imġeghelha mill-konvenut sabiex tersaq għall-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni, minħabba biża w użu ta' vjolenza, hija mhix titlob li dan il-kuntratt jiġi annullat . Anzi t-talba tagħha ta'

---

[5] Prim'Awla : Raymond Camilleri vs Lorenza Camilleri pro et noe. : 3.11.2004 .

[6] ara affidavit ta' Dr . Victor Mercieca , Dok. SD 3 a fol. 90 u dak ta' l-ispizjar Alan Buttigieg, Dok. SD 2 a fol. 89 .

sempliċi varjazzjoni f'kundizzjoni waħda tiegħu, timplika l-aċċettazzjoni tagħha għall-validita' tiegħu .

Minn naħa l-oħra ma tistax tgħid l-istess għal dak li jirrigwarda l-interessi tal-minuri . Fid-dawl ta' dak li rriżulta ampjament f'din il-kawża, u dan jidher illi ġie anke aċċettat mill-istess konvenut, it-tifla minuri sfortunatament tbati minn marda kronika u tinħtieġ kura kontinwa għall-kondizzjoni tagħha . Irriżulta wkoll illi l-attriċi tonfoq għal dan il-fini f'mediċini u konsulti mediċi mal-mitt lira (Lm100) fix-xahar u kif spjega Dr. Mercieca fl-affidavit tieghu : " … *In view of the progress she made since starting her Pulmicort Turbinhaler treatment it would be a pity if she had to discontinue it for financial reasons."* [7] Fil-kors tas-smiegħ tal-kawża l-konvenut deher dispost iħallas għal dawn l-ispejjeż, imma ried jimponi kundizzjoni illi huwa jkun preżenti kull meta ssir xi konsulta għand it-tobba u jinxtraw il-mediċinali preskritti[8] . Il-Qorti pero' tifhem illi dan mhux dejjem prattikabbli li jsir, tenut kont illi l-kontendenti jgħixu fi gżejjer differenti, u emerġenzi li jistgħu jinqalgħu, iridu jiġu trattati immedjatament u ma jippermettux dewmien . Issemma wkoll illi ċerti mediċinali jistgħu jinġiebu mill-ispizerija tal-Gvern . Imma rriżulta illi dan ma kienx dejjem possibbli, għaliex it-tobba ppreskrivew mediċini illi jkunu iżjed effettivi għall-marda tal-minuri, li ma tipprovdihomx l-ispiżerija tal-Gvern .

Jirriżulta għalhekk ampjament illi hawn għandna każ fejn appuntu huwa applikabbli dak illi ntqal fil-kawża **Camilleri vs Camileri** hawn fuq ċitata . Meta ġie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni *de quo* fl-1998, il-minuri kienet għad mank għalqet sena, u għalhekk il-partijiet wisq probabbli ma kienux għadhom jafu bil-kundizzjoni medika tagħha, u li din kienet ser tirrikjedi nfiq sostanzali f'kura . Ġialadarba tfaċċaw dawn il-problemi, u l-attriċi li ma taħdimx, u li sa ftit ilu kienet tgħix biss bil-benfiċċji soċjali u dak li tirċievi bħala manteniment mingħand żewġha, huwa il-każ illi r-retta alimentari pagabbli lill-attriċi għal bintha minuri tiġi awmentata, mhux biss għar-raġunijiet normali illi iżjed ma

---

[7] a fol. 90 tal-process .
[8] ara depożizzjoni tal-konvenut a fol. 191 - 198 tal-process .

tikber, aktar ser jiżdiedu l-ħtiġijiet tagħha, imma wkoll biex tittieħed in konsiderazzjoni l-kondizzjoni medika ta' Kimberly Debrincat . Għalkemm saru allegazzjonijiet illi l-konvenut, apparti x-xogħol tiegħu mal-gvern, li minnu jdaħħal salarju gross ta' Lm4823, li jsarrfu f'Lm4068 netti fis-sena,[9] għandu wkoll impieg ieħor *part-time* bħala *barman*, li minnu għandu introjtu ieħor ta' madwar tliet mitt lira maltija (LM300) fix-xahar, dan ma rriżultax sodisfaċentement mill-provi . Il-konvenut ammetta illi għal xi żmien kien jaħdem *part-time*, imma dan ma baqgħax jagħmlu minn xi żmien 'l hawn . Tenut kont ukoll illi l-konvenut ħallas id-djun li kellu sabiex xtara l-appartement fejn qed jirrisjedi f'Malta, u dan permezz ta' depożiti bankarji li kellu u anke flus oħra li wiret, huwa jiflaħ illi jħallas retta alimentari ferm aktar deċenti għal bintu minuri . Wieħed pero' ma jridx jinsa l-ispejjeż ta' traġitt minn Malta għal Għawdex illi l-konvenut qed ikollu jagħmel sabiex ta' l-inqas darba fil-ġimgħa jgawdi aċċess għal bintu minuri .

Il-Qorti taqbel ma' dak li tikkontendi l-attriċi, illi dan l-awment fil-manteniment għandu jkun b'effett mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża, tenut kont iż-żmien li ħadet biex tiġi deċiża, u dan m'għandux ikun a skapitu ta' l-interessi tal-minuri . Irriżulta pero' illi għal xi raġuni l-attriċi mill-bidu tas-sena korrenti ma baqgħetx tirċievi aktar għajnuna soċjali, ammontanti għal ċirca mija u tnax-il lira maltija (Lm112) fix-xahar[10] . Dan naturalment ma jfissirx illi ġiet effettwata iċ-*children's allowance* illi wieħed jifhem illi l-attriċi xorta waħda baqgħet tirċievi, bħala l-persuna illi għandha l-kura u kustodja tal-minuri[11] . Sabiex jiġi stabilit dan l-awment fir-retta alimentari tal-minuri, trid issir għalhekk distinzjoni bejn iż-żmien li fih l-attriċi kienet għadha qed tirċievi l-benefiċċji soċjali u dak wara li l-istess benefiċċji nqatgħulha .

Għaldaqstant tipprovdi dwar it-talba attriċi billi tiffissa l-awment tar-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lil martu għal bintu minuri, mid-data tal-preżentata ta' din il-

[9] ara Dok. VDAF 1 a fol. 277 tal-process .
[10] ara affidavit ta' l-attriċi a fol. 82 - 86 u Dok. SDB 1 a fol. 272 .
[11] ara kuntratt ta' separazzjoni a fol. 7 tal-process .

kawża u ċioe' mill-24 ta' Dicembru 2001 sa' l-aħħar tas-sena 2005 fis-somma ta'  erbgħin lira maltija (LM40) fix-xahar għal sittin lira maltija (Lm60) fix-xahar, u b'effett mill-1 ta' Jannar 2006, dan l-awment għandu jitla' ghal tmenin lira maltija (Lm80) fix-xahar biex jiġi mitt lira maltija (Lm100) fix-xahar .  Minħabba illi l-konvenut ser ikollu jħallas ammont sostanzjali f'daqqa sabiex jagħmel tajjeb għall-arretrati fiż-żieda tar-retta alimentari pagabli għall-minuri, ikun xieraq illi jingħata żmien raġonevoli sabiex iħallas dawn l-arretrati .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi il-kawża, billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut fil-mertu, tilqa' t-talba attriċi pero' limitatament biss sa fejn din tirrigwarda l-varjazzjoni fil-manteniment pagabbli lilha għal bintha minuri . Konsegwentement tvarja r-retta alimentari stabilita bħala pagabbli mill-konvenut għall-bintu minuri Kimberly Debrincat fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt mill-kontendenti fl-10 ta' Marzu 1998, billi tordna illi b'effett mill-preżentata ta' din il-kawża sa l-aħħar tas-sena elfejn u ħamsa (2005), din ir-retta alimentari qed tiġi awmentata għal sittin lira maltija (Lm60) fix-xahar .  B'effett imbagħad mill-1 ta' Jannar 2006 din ir-retta alimentari għandha tkun ta' mitt lira maltija (Lm100) fix-xahar .  Minħabba l-arretrati illi jridu jitħallsu, naturalment tenut kont ta' dak li l-konvenut seta' ġia ħallas a tenur tal-kuntratt imsemmi, qed jingħata lilu terminu ta' sitt (6) xhur għall-pagament ta' dawn l-arretrati .  Peress illi qed tingħata żieda sostanzjali, il-kundizzjoni ta' reviżjoni skond ir-rata ta' inflazzjoni, safejn tirrigwarda l-minuri, qed tiġi eliminata .

L-ispejjeż, apparti dawk tas-sentenza preliminari tagħha ta' l-14 ta' Ottubru 2003 li jkunu a karigu tal-konvenut, għandhom, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jitħallsu mill-kontendenti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------